**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.108/00***

***Pulizija***
***Sp. David Saliba***
***v***
***Domenic Cutajar***

Illum …. ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Domenic Cutajar huma bazati fuq ir-reati ta' **Tentattiv ta' Hruq b' perikolu komuni**, u **Hsara Volontarja**.

***Kwadru tal-fatti***

Illi fit-2 ta' Jannar 2000 ghal habta tas-2.00 pm. l-imputat li jahdem bhala *'lavatory attendant'* f' Hal Qormi ra kaxex tal-kartun mormija barra fejn hanut u fettillu li jiehu uhud minn dawn il-kaxxi quddiem il-bieb ta' Fransina Camilleri li toqghod fil-vicinanzi u permezz ta' kaxxa tas-sulfarini li kellu fil-but tahhom in-nar. Dak il-hin inserta li fl-appartament in kwistjoni ma kien hemm hadd; izda ftit minuti wara inserta niezel Carmel Cumbo, li joqghod fil-flat sovrastanti, u lemah il-kartun qed jaqbad mal-bieb ta' Camilleri. Huwa fil-pront tefa n-nar u sakkar il-bieb principali ta' barra wara li hareg.. Kif hareg barra lemah lill-imputat gej b' izjed kartun f' idu.. Rah jissara mal-bieb biex jidhol gewwa, u dak il-hin staqsieh *"kellux bzonn xi haga"* L-imputat irrispondih fin-negattiv, qallu *"le, le, xejn xejn u telaq"* (deposizjoni Carmel Cumbo). Sussegwentement sar rapport fl-ghassa.

***L-imputat***

Illi fi stqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-imputat ammetta in sostanza li kien hu li kien pogga il-kartun wara l-bieb ta' Fransina Camilleri u tahom in-nar permezz ta' kaxxa tas-sulfarini li kellu fil-but. Rigward il-kaxxa tas-sulfarini huwa qal hekk *"Armejtha biex ma ninqabaddc." (fol.22.)* Imbaghad rega' mar lura ghax-xoghol.

Izda rigward il-motiv wara din l-azzjoni kriminuza l-imputat ma ta ebda spjegazzjoni sodisfacenti. Huwa qal li qatt ma kellu inkwiet mal-imsemmija Fransina Camilleri u lanqas mal-membri tal-familja taghha. Di fatti huwa stess qal li *"veru ma kellix ghalfejn ... jiena gietni dalma quddiem ghajnejja u ghamilt hekk l-anqas naf ghalfejn* ***….. Hsibt hekk cum bum u hekk ghamilt****." (fol.23).*

***Dr.George Grech***

Dan xehed li huwa ilu t-tabib kuranti tal-imputat ghal circa ghaxar (10) snin, u ccertifika li l-imputat ghandu livell ta' intelligenza baxx hafna u di piu' ghandu problema akuta taz-zokkor fis-sens li meta l-livell taz-zokkor jinzell f' salt u b' mod qawwi *"jghamel affarijiet ta' barra minn hawn, jigifieri hmerijiet ... ma jkunx orjentat mar-realta', insibuh mitluf x' imkien jippassigga, ma jinfthehimx."*

***Difisa***

In sostanza d-difisa, filwaqt li ma nnegatx il-fatti kif rakkontati fl-istqarrija tal-imputat, u minghajr ma ssolevat l-eccezzjoni tad-demenzja. sostniet li l-imputat, minhabba l-kondizzjoni tieghu, ma kienx fil-posizjoni li jifforma l-*mens rea* u cioe' l-element intenzjoni tar-reati li qed jigi akkuzat bihom; u ghalhekk ma jistax jinstab hati taghhom. Dan fil-fehma tad-difiza johrog car kemm mill-ispjegazzjoni li ta l-imputat fl-istqarrija tieghu, kif ukoll mix-xhieda tat-tabib kuranti tieghu.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi l-Qorti tosserva li ma hemm ebda dubbju dwar l-esistenza tal-aspett materjali tar-reati li qed jigi addebitat bihom l-imputat. Irrizultaw sodisfacentement provati l-fatti kif fuq esposti. Ma hemmx dubbju li kien l-imputat li pogga l-kartun wara l-bieb tar-residenza ta' Fransina Camilleri u tah in-nar b' kaxxa tas-sulfarini. Jidher li l-impern tal-argumenti tad-difisa jirrigwarda l-aspett intenzjonali tar-reati.

Illi in propositu, l-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi hija sodsifatta li anki dan l-aspett tad-delitti in disamina gie provat skond il-ligi. Il-Qorti hija tal-fhema li mill-provi migjuba rrizulta car li l-imputat ried jghamel dak li ghamel u kien jaf x' kien qed jghamel u ried il-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu. **Ried iqabbad il-kartun mal-bieb ta' Fransina Camilleri u hekk ghamel, u di' piu' kien ben konsapevoli tal-fatt li kien qed jghamel xi haga kontra l-ligi.** Dan johrog car mill-komportament tieghu waq til-kommissjoni ta' dawn id-delitti. Din il-konkluzjoni hija bazata principalment fuq zewg fatturi: (I) Il-fatt ammess minnu stess li meta ta n-nar, huwa rema' l-kaxxa tas-sulfarni biex fi kliemu stess "*ma ninqabaddc."* (2) Ir-reazzjoni tieghu meta Carmel Cumbo avvicinah u staqsieh kellux bzonn xi haga. Dak il-hin l-imputat li kien qed jissara mal-bieb biex jipprova jidhol fil-blokk tal-appartamenti bil-kartuni f' idejh, irrispondih fin-negattiv u telaq l' hemm.

Il-Qorti tosserva li l-fatt li mill-provi ma rrizultax il-motivi wara din l-azzjoni kriminuza ma timminax kontra r-responsabilita' kriminali naxxenti minnha. L-esistenza tal-motiv mhuwiex element essenzjali biex tigi radikata r-responsabilita' kriminali. Dak li huwa mehtieg huwa **li l-imputat ried jghamel dak li ghamel u kien jaf li qed jghamel azzjoni kontra l-ligi.** L-esistenza ta' dawn il-fatturi jikkonkretizzaw d-*dolus genericus* – ossia l-element intenzjonali tar-reati formanti l-bazi tal-akkuzi.

***<u>Reati li jikkonfiguraw</u>***

Illi mill-kwadru premess jikkonfiguraw ir-reati ta' **Tentattiv ta' Hruq b' perikolu Komuni** kif ukoll dak ta' **Hsara volontarja.** Rigward dan l-ahhar reat il-Qorti tosserva li, ghalkemm irrizulta li l-kartun ha n-nar bil-konsegwenza li saret hsara fil-bieb ta' Camilleri, il-hsara kienet taht l-ghaxar liri, u ghalhekk dan ir-reat jissussisti fil-grad minimu tieghu.

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghall-piena, il-Qorti tosserva li l-azzjoni kriminuza in disamina hija serja hafna partikolarment in vista tal-konsegwenza li setgha kellha. Il-gravita' tar-reat kontemplata fl-Artikolu 317 tal-Kap.9 hija manifestata fil-piena preskritta mill-

ligi ghal dawn il-kazijiet fejn persuna tghati n-nar lill-bini b' perikolu komuni. Fortunatament f' dan il-kaz ir-reat ma l-haqax gie finalizzat sforz l-intervent accidentali izda opportun ta' Carmel Cumbo li malli ra n-nar immedjatament tfih. F' dan ir-reat hemm assorbit ir-reat ta' Hsara Volontarja.

Illi l-Qorti thoss li f' kazijiet bhal dawk in disamina ghandha tapplika piena karcerarja sabiex isservi bhala deterrent adegwat u effetiv u dan fl-interess tal-membri tas-socjeta'. Il-fatt li l-imputat ikkommetta din l-azzjoni kriminuza, **ghax hekk fettillu dak il-hin**, ma timmilitax kontra din il-konkluzjoni, ghax anki f' dawn ic-cirkostanzi l-azzjoni in disamina setgha kellha effetti ferm aktar serji.

Ghaldaqstant, gia la darba l-imputat ried jghamel dik l-azzjoni, bid-debita volonta', allura huwa ghandu jirrispondih ghaliha skond in-normi tad-dritt penali.

Izda fil-komputazzjoni tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni (1) il-fedina penali netta tal-imputat, u (2) l-kondizzjoni ta' sahha tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, u wara li rat l-artikoli 17, 41 u 317, u 325 (d) tal-Kap.9, tikkundannah ***ghall- piena ta' prigunerija ghal zmien tmientax il-xahar***.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***